# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2002

## Avviz numru : 72/2001GT(GM)

**A & J Hili ta' Miema Limited**

**vs**

**Donatello Pisani**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi s-socjeta' attrici tiggestixxi negozju ta' bejgh bl-ingrossa minn hanut li ghandha fl-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex.**

**Illi l-konvenut xtara minghandha diversi oggetti.**

**Illi ghadu dovut mill-konvenut bilanc ta' mija u tmien liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm108.53), rapprezentanti hlas ta' oggetti kif jirrizulta minn l-anness statement.**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi il-konvenut irrifjuta li jhallas dan il-bilanc.**

**Illi s-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut jhallas dan il-bilanc flimkien ma l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Gunju 2001."**

**Ra r-riferta positiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fit-2 ta' Jannar 2002 izda la pprezenta risposta u l-anqas deher fis-seduti mizmuma minn dan it-Tribunal;**

**Ra n-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fl-udjenza fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2002 kif ikkoregguta fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2002 li permezz taghha s-socjeta' attrici irriduciet it-talba taghha, stante pagament akkont, ghas-somma ta' LM12 u dan kif ikkonfermat mid-deposizzjoni guramentata ta' Joseph Hili, direttur tas-socjeta' attrici;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta' tnax-il lira maltin (LM12), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinnata lill-konvenut bl-imghax legali mid-data tal-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv flimkien mal-ispejjez tal-istanti procedura u dawk tal-ittra ufficjali spedita f'Gunju 2001.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**